MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru 518/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**ROBERT DIMECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Robert Dimech, 40 sena, iben Emanuel u Rita nee' Saliba, imwieled Pieta nhar is-6 t'Ottubru, 1971 u li joqghod Flat 5, Block C5, Triq it-Taqtigha, Zebbug, detentur ta' karta ta' l- identita' nru. 440171M.

Akkuzat talli nhar il-25 t' April, 2012, ghall-habta tal-5p.m., gewwa l-istabbiliment K-Optics fi Triq Sant'Antnin, Zebbug:

1. ikkommetta serq ta' flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tas-socjeta' K-Optics Co. Ltd. u/jew xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Christine Attard kontra l-volonta' taghha;

3. filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

4. fl-istess data w hin, kif ukoll qabel u/jew wara, gewwa Haz Zebbug, garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Iktar talli nhar it-22 t'April, 2012, ghall-habta tal-5.15p.m., gewwa Triq Santa Margerita, Siggiewi:

5. ikkommetta serq ta' basket ghad-dannu ta' Agatha Cachia u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM4 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 86, 261, 262(1)(a)(b)(2), 267, 275, 276, 277(a), 279(a), 280(2), 284 u 285 tal-Kap. 9 u l-artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Robert Dimech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali minima tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Robert Dimech ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u mitejn u tlieta u tletin Ewro (Ewro 233) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin (4) millum l-imputat Robert Dimech jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Robert Dimech l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------